MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 935/2006

**Darren Borg**

**vs**

**Kummissarju tal- Pulizija**
**U**
**Registratur tal-Qorti**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fi-19 ta' Ottubru 2006 li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' hames mija u disghin lira Maltija u disa' u sittin centezmu (Lm590.69) rapprezentanti din is-somma danni u hasrst li garrbet il-vettura Hyundai Getz numru ta' registrazzjoni ABL 546 waqt li din giet elevata u ezebita fl-atti ta' l-inkjesta kondotta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bl-ispejjez u bl-imghax.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet ta’l-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew notifikati b’l-avviz fit-2 ta’ Novembru 2006 naqsu li jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ hames mija u disghin lira Maltija u disa’ u sittin centezmu (Lm590.69) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------